MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 461/2005

**Mario u Romina konjugi Falzon ID 295367M u 145473M rispettivament**
**vs**
**Lawrence Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta Frar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u tletin lira (Lm230) rapprezentanti valur ta hsarat kkagonati fil-mutur numru HAW 081 proprjeta tal-atturi permezz ta mutur numru FAO 907 misjuq mill-konvenut f’incident stradali li sehh nhar il-15 ta Dicembru 2004 gewwa l-Belt Valletta Triq l-Ifran ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-Assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-ligijiet ta Malta kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 23 ta Frar 2005 fejn giet kontestata r-responsabbilita tal-incident u b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-incident in kwisjtoni jitratta kaz fejn mutur sofra hsarat waqt li kien parkeggjat minnhabba mutur iehior li allegatament kien waqa ghal fuqu. L-attur xehed illi meta mar lura fejn mutur wara qadja li kellu l-Belt sabu maqlub mal-art b'mutur iehor fuqu ma gemb il-bankina. Gab il-warden u mar l-ghassa sakemm sabu lil min kien jappartjeni l-istess mutur u meta dan tfacca irrizulta li kien il-konvenut li gharfu fl-Awla. Hadd ma ra l-incident isehh u cioe kif wasal biex il-mutur tal-konvenut waqa fuq dak l-attur. Li rrizulta pero kien li l-attur ipparkja l-ewwel. Jigi rilevat ukoll li filwaqt l-istand tal-attur kien tip ta bit-tnejn, dak tal-konvenut kien b'wahda. Din il-verzjoni tal-attur giet konfermata minn martu Romina Falzon bil-gurament taghha.

Ir-rapport u r-ritratti maghmul u mehuda mill-warden a fol 17 et seq u a fol 36 et seq tal-process jaghtu stampa cara ta kif qed jigi deskritt l-incident in kwistjoni mill-attur liema dokumenti u rapport gew ukoll konfermati bil-gurament. Importanti li jigi rilevat ukoll pero huwa l-fatt li l-warden jikkonferma dwar il-mutur tal-konvenut illi "qieghdna l-mutur l-iehor fuq l-istand  nghid illi dan deher mhux sod u kien ha jerga jaqa ghax nghid illi kellu l-istand ma kinietx sodha bizzejjed". Jinsisti li huwa kien jaf jihhandilja sew dawn il-muturi u jzid ighid li "qieghed poggut sew minna l-ghaliex dawwarna r-rota ta quddiem tal-mutur biex johloq bilanc ahjar"

Jigi notat ukoll li kontestazzjoni per se fuq il-kwantum ma giex avvanzata fir-risposta tal-konvenut ghalkemm ilissen xi ilment dwarhom fix-xhieda tieghu. Jidher pero madankollu li dawn jirrizultaw ippruvati mill-istima esebita li anzi tindika valur ta hsarat akbar minn dawk mitluba. Fil-

fatt fil-mori tal-kawza saret talba da parti tal-attur biex jizdied is-sorte liema talba giet michuda in vista ta opposizzjoni tal-kontro-parti.

Il-konvenut stess jikkonferma li huwa pparkeggja l-mutur tieghu fejn dak ta l-attur li allura jsegwi li kien parkeggjat qabblu. Jallega li huwa pparkeggja l-mutur fuq l-istand ta bit-tnejn u mhux ta b’wahda u dana peress li l-mutur tieghu ghandu zewg sistemi ta stands. Meta nfurmawh bl-incident huwa sab lill-mutur tieghu wahda wieqaf fuq l-istess stand tan-nofs.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-hsara sofferti fil-mutur tal-attur gew kagonati minnhabba l-fatt li l-mutur tal-konvenut waqa ghal fuqu u kwindi il-konvenut bhala l-proprjetarju u aktar bhala s-sewwieq tal-istess mutur dak in-nhar tal-incident ghandu jirrispondi ghal tali akkadut u ghal konsegwenzjali hsarat. Konsegwentement ghalhekk qed tigi michuda l-eccezzjoni sollevata mill-istess konvenut, kwindi jilqa t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta mitejn u tletin lira bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------